Anness A

Ministeru	*Ministeru għall-Intern u s-Sigurta`*
L-impjieg	*Kuntistabbli ta' Riserva*

Dmirijiet

Id-dmirijiet ta' Kuntistabbli ta' Riserva jinkludu:

i. Iżomm l-ordni u l-kwiet pubbliku, li ma jħallix isiru reati, li jġib 'il quddiem u jwettaq it-tħaris tal-liġijiet, bħala l-ewwel garanzija tad-drittijiet ta' kull persuna f'Malta, ukoll qabel ma tkun meħtieġa xi azzjoni permezz tas-sistema ġudizzjarja għar-ripressjoni, sanzjoni jew rimedju ta' xi ksur;

ii. Jirrispondi minnufih għal kull talba għall-ħarsien u l-intervent tal-liġi;

iii. Japplika l-liġi mingħajr ebda diskriminazzjoni minħabba f'xi raġuni bħas-sess, ir-razza, il-kulur, il-lingwa, ir-reliġjon, il-fehma politika jew xi fehma oħra, l-oriġini nazzjonali jew soċjali, l-assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, il-proprjeta', it-twelid jew kull status ieħor;

iv. Iġib 'il quddiem il-koeżistenza ordinata u paċifika tal-persuni kollha f'Malta, filwaqt li jieħu ħsieb kif dovut mhux biss tad-drittijiet dwar il-proprjeta' privata imma wkoll dwar il-proprjeta' pubblika;

v. Ifittex li jħares l-ambjent bħala parti mill-ġid komuni;

vi. Jgħin, f'limiti raġonevoli, lil kull persuna li tkun qed tfittex l-għajnuna ta' Pulizija jew xi uffiċjal pubbliku ieħor ukoll jekk ir-responsabbilta' biex fl-aħħar mill-aħħar tiġi pprovduta dik l-għajnuna ma tkunx tappartjeni lill-Korp;

vii. Iwettaq onestament u effettivament dawk id-dmirijiet kollha lilu assenjati mill-Kummissarju tal-Pulizija jew b'xi liġi oħra;

viii. Kwalunkwe kompitu ieħor li l-Kummissarju tal-Pulizija jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

ix. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Annex A

Ministeru	*Ministry for Home Affairs and Security*
L-impjieg	*Reserve Police Constable*

MINISTRY FOR HOME AFFAIRS AND SECURITY
35, OLD BAKERY STREET, VALLETTA

Duties

The duties of a Reserve Police Constable include:

i. Preserve public order and peace, to prevent the commission of offences, to promote and enforce the observance of the laws, as a first guarantee of the rights of all persons in Malta, even before action is needed through the judicial system to repress, sanction or remedy any breach;
ii. Respond immediately to any request for the protection and intervention of the law;
iii. Apply the law without discrimination on any ground, such as sex, race, colour, language; religion, political or other opinion, national or social origin, association with a national minority, property, birth or other status;
iv. Promote the orderly and peaceful coexistence of all persons in Malta, paying due attention not only to private property rights but also to public property;
v. Seek to protect the environment as part of the common good;
vi. Assist, within reasonable limits, any person seeking the help of a police or other public officer even though the ultimate responsibility to provide such help may not lie with the Force;
vii. Perform honestly and effectively all those duties assigned by the Commissioner of Police and by any law;
viii. Undertake any other tasks, which the Commissioner of Police may delegate to him/her, as may be required;
ix. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary